# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 93/2010

## tat-2 ta' Lulju 2010

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2010 tat-30 ta' April 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/543/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/544/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/564/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' post ta' kampeġġ ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/567/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lill-prodotti tessili ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja għall-karta assorbenti ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/578/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' akkomodazzjoni turistika ([8]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/598/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lis-saqqijiet tas-sodda ([9]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/607/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-kisi iebes ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(11) Id-Deċiżjoni 2009/544/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/739/KE ([11]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni 2009/563/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/231/KE ([12]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni 2009/564/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/338/KE ([13]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim.

(14) Id-Deċiżjoni 2009/567/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/178/KE ([14]), kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/371/KE ([15]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim.

([1]) ĠU L 181, 15.7.2010, p. 23.
([2]) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 27.
([3]) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 39.
([4]) ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27.
([5]) ĠU L 196, 28.7.2009, p. 36.
([6]) ĠU L 197, 29.7.2009, p. 70.
([7]) ĠU L 197, 29.7.2009, p. 87.
([8]) ĠU L 198, 30.7.2009, p. 57.
([9]) ĠU L 203, 5.8.2009, p. 65.
([10]) ĠU L 208, 12.8.2009, p. 21.
([11]) ĠU L 236, 4.9.2002, p. 4.
([12]) ĠU L 77, 20.3.2002, p. 50.
([13]) ĠU L 108, 29.4.2005, p. 67.
([14]) ĠU L 57, 5.3.1999, p. 21.
([15]) ĠU L 133, 18.5.2002, p. 29.

(15) Id-Deċiżjoni 2009/568/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/405/KE ([1]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

(16) Id-Deċiżjoni 2009/578/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/287/KE ([2]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

(17) Id-Deċiżjoni 2009/598/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/740/KE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

(18) Id-Deċiżjoni 2009/607/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE ([4]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2y (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/506/KE):

   "2z. **32009 D 0543**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/543/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 27)."

2. It-test tal-punt 2v (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/739/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0544**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/544/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 39)."

3. It-test tal-punt 2 g (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/231/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0563**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27)."

4. It-test tal-punt 2p (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/338/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0564**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/564/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' post ta' kampeġġ (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 36)."

5. It-test tal-punt 2f (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/371/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0567**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/567/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lill-prodotti tessili (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 70)."

6. It-test tal-punt 2i (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/405/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0568**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja għall-karta assorbenti (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 87)."

7. It-test tal-punt 2 m (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/287/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0578**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/578/KE tal-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' akkomodazzjoni turistika (ĠU L 198, 30.7.2009, p. 57)."

8. It-test tal-punt 2w (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/740/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "**32009 D 0598**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/598/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lill-prodotti tessili (ĠU L 203, 5.8.2009, p. 65)."

([1]) ĠU L 142, 29.5.2001, p. 10.
([2]) ĠU L 102, 24.4.2003, p. 82.
([3]) ĠU L 236, 4.9.2002, p. 10.
([4]) ĠU L 94, 11.4.2002, p. 13.

9. It-test tal-punt 2k (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**32009 D 0607**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/607/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-kisi iebes (ĠU L 208, 12.8.2009, p. 21)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/543/KE, 2009/544/KE, 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/567/KE, 2009/568/KE, 2009/578/KE, 2009/598/KE u 2009/607/KE, bil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Lulju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.